**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta tal-Gimgha 24 ta' Mejju 2019**

**Rikors Numru : 98/2019JPG**

**Kawza Numru : 22**

**EC**

**U**

**JC**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors kongunt ta' EC u JC, datat 22 ta' Frar 2019, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-esponenti iżżewġu f' Malta nhar is-sitta u għoxrin t' April tas-sena elf disgħa mija sitta u disgħin (26/04/1996) ġewwa l-Knisja Parrokjali tas-Siġġiewi, hekk kif indikat ukoll miċ-ċertifikat taż-żwieġ, vera kopja ta' liem qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala DOK KC1.*

*Illi minn dan iż-żwieġ twieldu żewġt' itfal, u ċioe, CC li twieled nar il-wieħed u għoxrin ta' Lulju elf disgħa mija sebgħa u disgħin (21/07/1997), llum maġġorenni, u KC li twieldet nhar is-sbatax t' April elfejn u wieħed (17/04/2001), hekk kif indikat mill-veri kopji taċ-ċertifikati tat-twelid hawn annessi u mmarkati bħala DOK KC2 u DOK KC3, rispettivament.*

*Illi l-esponenti xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom u effetwaw is-separazzjoni personali permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali*

*ppubblikat in atti tan-Nutar Dottor Robert John Muscat datat tletin ta' Jannar tas-sena elfejn u tlieta (30/1/2003), vera kopja ta' liem qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala DOK KC4.*

*Illi l-ebda manteniment ma hu dovut mill-kuntratt ta' separazzjoni preċitat stante id-dekadenza minn naħa tal-esponenti b'mod reċiproku.*

*Illi l-ebda manteniment ma hu dovut favur il-minuri K stante illi, ai termini ta' klawsola numru ħamsa (5) tal-kuntratt suriferit, il-kura u kustodja tat-tifla hija fdata f' idejn l-esponenti b' mod ugwali bejniethom u għalhekk il-kundizzjonijiet kollha li jirrigwardaw l-aspetti kollha tal-ħajja tal-minuri ser jibqaw l-istess. Inoltre, l-istess minuri dalwaqt tiggradwa f' maġġorenni proprju fis-sbatax (17) t' April.*

*Illi, in vista tas-suespost, ir-rikorrenti jissodisfaw dak mitlub mill-artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili (Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta) stante illi għexu il-bogħod u separatament minn xulxin għal perjodu li jeċċedi l-erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti għall-ftuħ tal-proċedura odjerna.*

*Illi ma hemm ebda prospett raġonevoli għar-rikonċiljazzjoni bejn l-esponenti.*
*Illi għalhekk, jikkonkorru il-kriterji kollha rikjesti mill-liġi għall-ħall taż-żwieġ u għad-divorzju tal-esponenti.*

*Għaldaqstant, filwaqt li jġibu is-suespost a formali konjizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti u għar-raġunijiet hawn fuq premessi, ir-rikorrenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha:*

1. *Tiddikjara li z-żwieġ tagħhom, ċelebrat nhar is-sitta u għoxrin t' April tas-sena elf disgħa mija sitta u disgħin (26/04/1996) ġewwa l-Knisja Parrokjali tas-Siġġiewi maħlul u li l-esponenti huma divorzjati għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi.*

2. *Konsegwentement tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex fi żmien mħolli għal daqshekk minn din il-Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet, biex dan ikun hekk reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.*

*U dan taħt kull provvediment ieħor li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li jkun xieraq u opportun fiċ-ċirkostanzi.*

*Bl-ispejjeż karigu tal-esponenti f'sehem indaqs bejniethom.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat;**

**EC** xehed illi l-partijiet izzewgu fis-26 t'April 1996 u kienu ottjenew is-separazzjoni legali fit-30 ta' Jannar 2003 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali. Xehed illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom zewgt itfal, li t-tnejn huma maggorenni, ghalkemm wahda minnhom ghada tistudja *full-time.* Xehed illi m'hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment. Qal ukoll illi l-partijiet ilhom jghixu separatament ghal aktar minn erba' snin, u li m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

**JC** xehdet *et seqq* u kkonfermat u kkoroborat ix-xhieda ta' EC.

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju***

***ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta illi l-partijiet kienu zzewgu nhar is-26 ta' April, 1996 (vide Dok KC1fol 4 ) u li minn dan iz-zwieg huma kellhom zewgt ulied;

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Dottor Robert John Muscat, datat 30 ta' Jannar 2003 (vide Dok.KC4 fol 7 et seqq.), debitament awtorizzat mill-Qorti u ilhom aktar minn erba' snin ma jghixu flimkien;

Jirrizulta ukoll m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi l-partijiet irnexxilhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**